SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

13 ta’ Ġunju 2013*

“VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 199(1)(g) — Proċedura ta’ insolvenza volontarja — Persuna taxxabbli — Persuna taxxabbli destinatarja ta’ ċerti tranżazzjonijiet — Kunċett ta’ ‘proċedura ta’ bejgħ obbligatorju’”

Fil-Kawża C-125/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada (Spanja), permezz ta’ deċiżjoni tal-24 ta’ Frar 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta’ Marzu 2012, fil-proċedura

**Promociones y Construcciones BJ 200 SL,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn M. Berger, President tal-Awla, A. Borg Barthet (Relatur) u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Promociones y Construcciones BJ 200 SL, minn B. S. Sánchez Pozo, procurada, assistita minn E. Osuna Martínez, abogado,

— għal I. Alba Muñoz, abogado, li jaġixxi bħala amministratur ġudizzjarju ta’ Promociones y Construcciones BJ 200 SL, minnu nnifsu,

— għall-Gvern Spanjol, minn N. Díaz Abad, bħala aġent,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Lozano Palacios, bħala aġent,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza volontarja ta' Promociones y Construcciones BJ 200 SL (iktar 'il quddiem "Promociones y Construcciones"), li matulha l-bejgħ ta' żewġ immobbli proprjetà ta' din il-kumpannija ta lok għat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT").

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessa 42 tad-Direttiva 2006/112 taqra kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi, f'każijiet speċifiċi, jaħtru lid-destinatarju ta' fornimenti ta' merkanzija jew servizzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Dan għandu jgħin lill-Istati Membri fis-semplifikazzjoni tar-regoli u fil-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa f'setturi identifikati u f'ċerti tipi ta' transazzjonijiet."

4 L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna taxxabbli hija l-persuna taxxabbli li lilha jsir il-forniment ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur ġudizzjarju fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju.

*Id-dritt Spanjol*

5 L-Artikolu 84(1) tal-Liġi 37/1992 dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (Ley 37/1992 del Impuesto sobre el Valor Añadido), tat-28 ta' Diċembru 1992 (BOE Nru 312, tad-29 ta' Diċembru 1992, p. 44247), kif emendat bil-Liġi 38/2011 li tirriforma l-Liġi 22/2003, tad-9 ta' Lulju 2003, dwar il-proċedura ta' insolvenza (Ley 38/2011 de reforma de la Ley 22/2003, de 9 de julio 2003, Concursal), tal-10 ta' Ottubru 2011 (BOE Nru 245, tal-11 ta' Ottubru 2011, p. 106745), jaqra kif ġej:

"Dawn li ġejjin huma suġġetti għat-taxxa:1. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom l-istatus ta' impriżi jew ta' persuni professjonali u li jwettqu fornimenti ta' oġġetti jew ta' servizzi suġġetti għat-taxxa, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi segwenti.2 L-impriżi jew il-persuni professjonali li għalihom jitwettqu t-tranżazzjonijiet suġġetti għat-taxxa, fil-każijiet elenkati hawn taħt:

[…]

e) fil-każijiet tal-fornimenti ta' proprjetà immobbli mwettqa [b']riżultat [ta'] proċedura ta' insolvenza.

[…]"

### Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 B'digriet tat-22 ta' Frar 2010, Promociones y Construcciones ġiet iddikjarata insolventi u nbdiet il-proċedura ta' insolvenza volontarja ("proceso concursal voluntario") korrispondenti.

7 Matul il-fażi komuni ta' din il-proċedura, l-amministratur ġudizzjarju informa lill-qorti tar-rinviju u lill-kredituri dwar l-attiv u l-passiv ta' Promociones y Construcciones.

8 Sussegwentement qamet l-opportunità li jinbiegħu żewġ immobbli proprjetà ta' din il-kumpannija. Fil-31 ta' Jannar 2012, din tal-aħħar talbet, fuq opinjoni favorevoli tal-amministratur ġudizzjarju u bi qbil max-xerrej, Banesto SA, l-awtorizzazzjoni sabiex twettaq dan il-bejgħ abbażi tal-Liġi 22/2003 dwar il-proċedura ta' insolvenza (Ley 22/2003, Concursal), tad-9 ta' Lulju 2003 (BOE Nru 164, tal-10 ta' Lulju 2003, p. 26905).

9 B'digriet finali u mhux ikkontestat tal-1 ta' Frar 2012, il-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada ddikjara li dan il-bejgħ kien opportun u favorevoli għall-interessi tal-massa tal-kredituri u għalhekk awtorizzah.

10 L-awtorizzazzjoni ta' dan il-bejgħ, inerenti fl-attività kummerċjali ta' Promociones y Construcciones, wasslet għall-fatt li ta lok għall-VAT u, għaldaqstant, għall-obbligu li titħallas is-somma korrispondenti lill-Agencia Estatal de Administracíon Tributaria (Aġenzija nazzjonali tal-amministrazzjoni tat-taxxi).

11 Il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar l-identità tad-destinatarju ta' dan l-obbligu fiskali, jiġifieri Promociones y Construcciones jew ix-xerrej tal-proprjetà immobbli. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li din il-kwistjoni hija rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni eżatta tal-kundizzjonijiet li taħthom għandu jsir il-bejgħ awtorizzat.

12 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Mercantil nº 1 de Granada ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva [2006/112], li skontu '[l-]Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li lilha jsiru l-fornimenti li ġejjin: […] (g) il-forniment ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur tas-sentenza [mid-debitur ġudizzjarju] fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju', għandu jiġi interpretat, meta l-proċedura ġudizzjarja hija proċedura kollettiva mibdija permezz tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza ta' dan id-debitur, fis-sens li dan jirreferi biss għat-trasferimenti li strettament jirriflettu l-fatt li din hija proċedura ta' likwidazzjoni jew li din laħqet il-fażi ta' likwidazzjoni, b'mod li t-trasferiment ta' tali beni għandu jseħħ wara l-likwidazzjoni globali tal-patrimonju tad-debitur, jew, peress li proċedura ta' insolvenza tista' twassal b'mod partikolari għal-likwidazzjoni tal-impriża insolventi, fis-sens li dan ikopri wkoll kull trasferiment ta' beni immobbli mwettaq mid-debitur iddikjarat insolventi matul proċedura ta' insolvenza?

2) L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva [2006/112] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-'proċedura ta' bejgħ obbligatorju' li huwa jirreferi għaliha tinkludi proċedura ġudizzjarja kollettiva ta' insolvenza li fiha kien hemm bejgħ volontarju, mhux relatat ma' kwalunkwe fażi ta' likwidazzjoni obbligatorja tal-patrimonju tad-debitur u għal sempliċi raġunijiet ta' opportunità, ta' wieħed jew iktar mill-beni tiegħu jew, għall-kuntrarju, fis-sens li dan jirreferi biss għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata intiżi sabiex jiġu likwidati l-beni tad-debitur tas-sentenza?

3) F'dan l-aħħar każ, jekk l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva [2006/112] jirreferi strettament għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata intiżi sabiex jiġu likwidati l-beni tad-debitur tas-sentenza, din l-istess dispożizzjoni tista' tinftiehem fis-sens li din teskludi l-inverżjoni tal-persuna suġġetta għall-VAT fil-każijiet kollha ta' trasferiment ta' beni immobbli minn debitur iddikjarat insolventi minħabba raġunijiet ta' opportunità, fl-interess tal-kredituri u mhux relatat ma' kwalunkwe proċedura ta' likwidazzjoni globali tal-beni tiegħu, b'tali mod li għandha titwarrab l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 fir-rigward ta' każijiet li din id-dispożizzjoni ma tipprevedix?"

**Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari**

13 Il-Gvern Spanjol jikkontesta l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari taħt diversi aspetti. Fl-ewwel lok, huwa jsostni li l-qorti tar-rinviju ma hijiex kompetenti sabiex tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar regola li tista' tiġi interpretata biss mill-qrati amministrattivi. Fit-tieni lok, huwa jsostni li dawn id-domandi huma ipotetiċi u ma humiex relatati mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali peress li jikkonċernaw relazzjoni fiskali bejn ix-xerrej tal-proprjetà immobbli u l-amministrazzjoni fiskali u għalhekk ma humiex marbuta mal-proċedura ta' insolvenza. Fit-tielet lok, huwa jsostni li d-deċiżjoni tar-rinviju hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda r-raġunijiet li għalihom risposta għall-imsemmija domandi hija neċessarja sabiex il-qorti tar-rinviju tagħti s-sentenza tagħha.

14 F'dak li jirrigwarda l-ewwel argument ibbażat fuq nuqqas ta' kompetenza tal-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika jekk id-deċiżjoni tar-rinviju ttieħditx skont ir-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u ta' proċedura ġudizzjarja (ara s-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1996, SFEI *et*, C-39/94, Ġabra p. I-3547, punt 24, u tal-1 ta' Diċembru 2005, Burtscher, C-213/04, Ġabra p. I-10309, punt 30).

15 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali, li tkun adita bil-kawża u li jkollha r-responsabbiltà li tagħti d-deċiżjoni ġudizzjarja, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija marbuta li tagħti deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012. Garkalns, C-470/11, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata). Id-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni għalhekk igawdu preżunzjoni ta' rilevanza (sentenza Garkalns, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18).

16 F'dak li jirrigwarda t-tieni argument dwar in-natura ipotetika tad-domandi preliminari, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ma huwiex rilevanti. Fil-fatt, minn naħa, huwa jistrieħ fuq il-premessa li huwa x-xerrej tal-proprjetà immobbli li għandu jħallas il-VAT. Issa l-għan ta' dawn id-domandi huwa preċiżament li jsir magħruf min huwa responsabbli għall-ħlas tal-VAT fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza: il-kumpannija insolventi, li tbigħ proprjetà immobbli, jew ix-xerrej. Min-naħa l-oħra, kif tirrileva, barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju fid-deċiżjoni tagħha, id-domandi preliminari huma rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni eżatta tal-kundizzjonijiet li taħthom għandu jsir il-bejgħ awtorizzat.

17 F'dak li jirrigwarda t-tielet argument, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, għandu jiġi kkonstatat li dan ukoll għandu jitwarrab. Fil-fatt, minn din id-deċiżjoni jirriżulta li l-awtorizzazzjoni li jinbiegħu l-proprjetajiet immobbli mogħtija mill-qorti tar-rinviju wasslet għall-fatt li ta lok għall-VAT u, għaldaqstant, għall-obbligu li titħallas is-somma korrispondenti lill-awtoritajiet fiskali. Billi l-qorti tar-rinviju esprimiet dubji dwar l-identità tal-entità taxxabbli, hija għaldaqstant iddeċidiet li tissospendi l-eżekuzzjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija u tagħmel dawn id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

18 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-domandi preliminari huma ammissibbli.

**Fuq id-domandi preliminari**

19 Permezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li kwalunkwe bejgħ ta' proprjetà immobbli mwettaq mid-debitur matul il-proċedura ta'

insolvenza kollha, inkluża l-ewwel fażi li ma għandhiex in-natura ta' likwidazzjoni u fejn il-bejgħ jitwettaq abbażi ta' ftehim volontarju bejn il-partijiet, jaqa' taħt il-kunċett ta' "proċedura ta' bejgħ obbligatorju".

20 Skont l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-persuna taxxabbli hija l-persuna taxxabbli li lilha jsir il-forniment ta' proprjetà immobbli mibjugħa mid-debitur ġudizzjarju fi proċedura ta' bejgħ obbligatorju.

21 Għandu l-ewwel nett jiġi rrilevat li minkejja li l-verżjoni Spanjola ta' din id-direttiva tuża t-terminu "likwidazzjoni" ("liquidación"), eżami tad-diversi verżjonijiet lingwistiċi jindika li l-espressjoni li tintuża l-iktar hija "proċedura ta' bejgħ obbligatorju" (jiġifieri fil-verżjonijiet biċ-Ċek, "řízení o nuceném prodeji", bil-Ġermaniż, "Zwangsversteigerungsverfahren", bl-Ingliż "compulsory sale procedure", bil-Franċiż, "procédure de vente forcée", bil-Litwan, "priverstinio pardavimo", bil-Malti, "proċedura ta' bejgħ obbligatorju", bil-Portugiż "um processo de venda coerciva", u bl-Islovakk "konanie o nútenom predaji"). Tali kunċett ikopri kamp ta' applikazzjoni iktar wiesa' mil-likwidazzjoni nfisha.

22 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Approċċ bħal dan fil-fatt ikun inkompatibbli mar-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha għalhekk tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 1998, Institute of the Motor Industry, C-149/97, Ġabra p. I-7053, punt 16, u tal-25 ta' Marzu 2010, Helmut Müller, C-451/08, Ġabra p. I-2673, punt 38).

23 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-istruttura ġenerali tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112, għandu jiġi rrilevat li dan jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-prinċipju mfakkar fl-Artikolu 193 ta' din id-direttiva li skontu l-VAT għandha titħallas minn kwalunkwe persuna taxxabbli li tkun qed twettaq forniment taxxabbli ta' oġġetti jew servizzi. L-imsemmi Artikolu 199 fil-fatt jippermetti lill-Istati Membri jużaw, fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (1)(a) sa (g) tiegħu, il-mekkaniżmu ta' reverse charge li permezz tiegħu l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT tkun il-persuna taxxabbli destinatarja tat-tranżazzjoni suġġetta għall-VAT.

24 Kif speċifikaw il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Ungeriż fl-osservazzjonijiet tagħhom sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/12 iddaħħlet għall-ewwel darba mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/69/KE, tal-24 ta' Lulju 2006, li temenda d-Direttiva 77/388/KEE fir-rigward ta' ċerti miżuri li jissimplifikaw il-proċedura għall-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jassistu fil-ġlieda kontra l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa, u li tħassar ċerti Deċiżjonijiet li jipprovdu derogi (ĠU L 76M, 16.3.2007, p. 232), fit-test tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

25 Kif jirriżulta mill-premessa 1 tad-Direttiva 2006/69, l-għan ta' din tal-aħħar kien li tippermetti lill-Istati Membri kollha japplikaw il-miżuri ta' deroga li kienu ngħataw lil ċerti Stati Membri u li kienu intiżi sabiex jiġu miġġielda l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa.

26 Id-derogi li ispiraw il-formulazzjoni tal-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/12 kienu ġġustifikati mill-fatt li, fis-sitwazzjonijiet li għalihom jirreferu dawn id-derogi, il-persuna taxxabbli ħafna drabi ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas il-VAT imposta minħabba diffikultajiet finanzjarji li kienet qiegħda tiffaċċja.

27 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, għalkemm l-Artikolu 21(2), fil-verżjoni tiegħu li tinsab fl-Artikolu 28g(c)(vii) tad-Direttiva 77/388, kif emendat bid-Direttiva 2006/69, jirreferi għal "proċedura ta' bejgħ obbligatorju", il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388 fir-rigward ta' ċerti miżuri li jissimplifikaw il-proċedura għall-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jassistu fil-ġlieda kontra l-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa, u li tħassar ċerti Deċiżjonijiet li jipprovdu derogi [COM(2005) 89 finali] kienet tirreferi għal kunċett iktar ristrett, jiġifieri dak ta' "likwidazzjoni ġudizzjarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, l-intenzjoni tal-leġiżlatur ma kinitx li jillimita l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reverse charge għall-proċeduri ta' likwidazzjoni tal-assi tad-debitur *stricto sensu*, iżda li jagħtih kamp ta' applikazzjoni iktar wiesa'.

28 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-għan li l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 ifittex li jilħaq, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 42 ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw il-mekkaniżmu ta' reverse charge f'setturi identifikati u f'ċerti tipi ta' tranżazzjonijiet, bil-għan li jissemplifikaw ir-regoli u jiġġieldu kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Din id-dispożizzjoni għalhekk tippermetti lill-awtoritajiet fiskali jiġbru l-VAT imposta fuq it-tranżazzjonijiet inkwistjoni meta l-kapaċità tad-debitur li jħallasha tkun kompromessa.

29 Billi l-kapaċità ta' debitur li jħallas lill-awtoritajiet fiskali l-VAT imposta fuq il-bejgħ ta' proprjetà immobbli titqiegħed fid-dubju mal-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza peress li din tal-aħħar tkun inbdiet permezz ta' dikjarazzjoni ta' insolvenza magħmula fil-konfront ta' dan id-debitur, l-implementazzjoni tas-sistema ta' reverse charge ma tistax tkun limitata għat-trasferimenti ta' proprjetajiet immobbli mwettqa fil-kuntest ta' proċedura ta' likwidazzjoni tal-assi tad-debitur insolventi. Il-fatt li dan tal-aħħar ikun kostrett ibigħ l-imsemmija proprjetajiet fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza li ma tipproduċix effetti ta' likwidazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-għan li jissodisfa lill-kredituri jew li jistabbilixxi mill-ġdid l-attività ekonomika jew professjonali tad-debitur, huwa suffiċjenti sabiex tintuża s-sistema ta' reverse charge.

30 Min dan isegwi li l-mekkaniżmu ta' reverse charge jista' jiġi applikat għall-bejgħ ta' proprjetà immobbli mwettaq mid-debitur ġudizzjarju fil-kuntest ta' kwalunkwe proċedura ta' insolvenza, irrispettivament minn jekk ikollhiex in-natura ta' likwidazzjoni jew le, sakemm dan il-bejgħ ikun neċessarju sabiex jissodisfa lill-kredituri jew sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-attività ekonomika jew professjonali tad-debitur.

31 Huwa minnu li l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 huwa eċċezzjoni għar-regoli normali ta' din id-direttiva u għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita, għandu jiġi interpretat b'mod strett. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li din l-interpretazzjoni stretta ma tistax twassal biex din id-dispożizzjoni tiċċaħħad mill-effetti tagħha (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, BLV Wohn-und Gewerbebau, C-395/11, punt 33, u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa l-limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reverse charge għall-bejgħ ta' proprjetà immobbli mwettaq matul proċedura ta' likwidazzjoni tal-assi tad-debitur ma tikkontribwixxix sabiex jintlaħaq bis-sħiħ l-għan imfittex billi r-riskju ta' evażjoni u ta' evitar tat-taxxa jeżisti malli d-debitur jkun ġie ddikjarat insolventi.

32 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel u għat-tieni domandi għandha tkun li l-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li kwalunkwe bejgħ ta' proprjetà immobbli mwettaq mid-debitur ġudizzjarju mhux biss fil-kuntest ta' proċedura ta' likwidazzjoni tal-assi tiegħu, iżda wkoll fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza li sseħħ qabel tali proċedura ta' likwidazzjoni, sakemm dan il-bejgħ ikun neċessarju sabiex jissodisfa lill-kredituri jew sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-attività ekonomika jew professjonali tal-imsemmi debitur, jaqa' taħt il-kunċett ta' proċedura ta' bejgħ obbligatorju.

33 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domandi, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

**Fuq l-ispejjeż**

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 199(1)(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li kwalunkwe bejgħ ta' proprjetà immobbli mwettaq mid-debitur ġudizzjarju mhux biss fil-kuntest ta' proċedura ta' likwidazzjoni tal-assi tiegħu, iżda wkoll fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza li sseħħ qabel tali proċedura ta' likwidazzjoni, sakemm dan il-bejgħ ikun neċessarju sabiex jissodisfa lill-kredituri jew sabiex jistabbilixxi mill-ġdid l-attività ekonomika jew professjonali tal-imsemmi debitur, jaqa' taħt il-kunċett ta' proċedura ta' bejgħ obbligatorju.**

Firem